**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Revoka Nru. 240/19 GM**

Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1263/18 GM wara l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 2047/18 fl-ismijiet:

**Gmf Precast Limited**

**vs**

**Francis Spiteri, Rita Spiteri u Tal-Karmnu Construction Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta' Marzu 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti **Francis Spiteri, Rita Spiteri u Tal-Karmnu Construction Limited** (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutati") talbu li din il-Qorti tħassar *in toto jew in parte* l-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru fuq indikat maħruġ kontrihom minn **Gmf Precast Limited** (aktar 'il quddiem imsejħa l-"eżekutant"), għall-finijiet tal-artiklu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-eżekutant ippreżentata fil-20 ta' Marzu 2019;

Rat l-atti tar-rikors ġuramentat 1263/18 fl-ismijiet premessi li qiegħed jinstama' quddiemha kif bħalissa ppreseduta;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019;

Rat li din il-proċedura ġiet imħollija għall-pronunzjament *in camera* tad-digriet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rikors ġuramentat, l-eżekutant qiegħdha titlob:

€116,187.25 mingħand is-soċjeta` eżekutata

€208,073.24 in parti mhux speċifikata mingħand Francis Spiteri u in parti

mhux speċifikata mingħand is-soċjeta` eżekutata

€16,687.00 mingħand l-intimati jew min minnhom

Total: €340,947.49

Illi parti minn dan l-ammont hekk pretiż diġa` ġie kkawtelat permezz ta' mandat t'inibizzjoni maħruġ fit-18.01.2019 kontra s-soċjeta` eżekutata fuq maisonette numru 7 Block D, Hal Caprat, Triq Braille, Santa Venera li skont ċertifikat rilaxxjat ex parte mill-perit tal-eżekutat Francis Spiteri jiswa €250,000. Billi kif inhu notorju proprjeta` immobiljari diffiċli tinbiegħ skond il-valur kummerċjali tagħha meta tinbiegħ b'subbasta, l-Qorti qiegħdha tieħu s-somma ta' €200,000 bħala l-valur diġa` kawtelat. Tibqa' għalhekk is-somma ta' €140,947.49. Billi l-eżekutant stess ma jagħżilx minn min huma dovuti dawn l-ammonti, il-Qorti tqis p*rima facie* u għall-fini biss ta' din il-proċedura li fil-konfront tal-eżekutati Francis u Rita konjugi Spiteri hemm €70,500 x'jiġi kkawtelat filwaqt li fil-konfront tas-soċjeta` eżekutata, il-kreditu pretiż huwa diġa` kopert bil-mandat t'inibizzjoni;

Illi l-Qorti mhix sejra tidħol f'dan l-istadju fil-kwistjoni dwar jekk Rita Spiteri hix leġittimu kontradittur jew le peress li din hija kwistjoni li tappartjeni għall-mertu tal-kawża. Huwa superfluwu li jiġi enfasizzat kif soltu jsir li l-indaġni tal-Qorti f'dawn il-proċeduri tibqa' dejjem strettament *prima facie*;

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fil-konfront tas-soċjeta` kummerċjali Tal-Karmnu Construction Ltd u tirriduċieh għas-somma ta' €70,500 fil-konfront tal-kunjuġi Francis Spiteri u Rita Spiteri.

Mogħti kameralment illum,  15 t'April  2019.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA